MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 309/2012

GasanMamo **Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Albert Muscat (ID: 41473M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Albert Muscat**

**Vs**

**Thomas Woods (ID:385387M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta’ April, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ hames mija u hamsa u disghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€595.38) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta’ incident illi sehh fid-19 ta’ April, 2011, fi Vjal l-Indipendenza, Mosta meta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MMM 126 misjuqa minn u proprjeta ta’ l-assikurat tas-socjeta mittenti, Albert Muscat, giet indanneggjata wara li kelb proprjeta tal-konvenut, Thomas Woods, gera ghal got-triq in kwistjoni u habat fil-vettura msemmija, u dana unikament b’tort, traskuragni u nuqqas ta’ osservazzjonijiet ta’ l-Artiklu 1040 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, da parti tal-konvenut.

L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta’ hamsa u hamsin Ewro (€55.00) mhallas bhala excess mill-attur Albert Muscat, illi kien kopert b’polza tat-tip *comprehensive* mahruga mis-socjeta' attrici illi ghaldaqstant hallset ghall-kumplament tad-danni subiti fuq il-vettura in kwistjoni f-dan l-incident.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' Ittra Ufficjali datata 28 ta' Dicembru, 2011 u mahruga ai termini ta' l-Artiklu 166A (Kap.12), il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru, 2011, bl-imghaxijiet mit-28 ta' Dicembru, 2011 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni .

Illi l-konvenut wara li gie debitament notifikat ipprezenta r-risposta tieghu fit-18 ta' Mejju, 2012 fejn eccepixxa illi t-talba attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u anki fid-dritt.

Illi l-konvenut mhux legittimu kontradittur peress illi l-kelb mhux tieghu u anqas licenzjat fuqu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur qatt ma notifikat lil konvenut dwar il-hsarat ossia daqqa zghira hafna fil-vettura sabiex isiru tiswijiet u jkun jista jara hu jekk huwa l-kaz ta' kwotazzjonijiet aktar u aktar meta d-daqqa li seta kkawza l-kelb li ghadu haj kif indikat fl-avviz kienet wahda de minimis u ghalhekk it-talba hija wahda astronomikament ezegerata.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2012 giet irtirata it-tieni eccezzjoni.

Xehed PS820 Jonathan James Vella li qal illi fid-19 ta' April, 2011 kien mar l-ghassa certu Albert Muscat li ghandu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MMM 126 li kien ghaddej minn Vjal Indipendenza, Mosta u hariglu kelb u habat mal-karrozza. Wara li nduna li kellu dent fil-karrozza dan mar ikellem ragel li kien qed jistenna l-kelb u dan irrispondieh illi ma kienx responsabbli tal-hsarat. Wara li saru r-ricerki rrizulta li f'Villa Estero kien joqghod certu Thomas Woods bil-karta tal-identita numru 385387(m). Dan ix-xhud qal illi d-dent ma vverifikahiex hu izda kienet giet ivverifikata minn pulizija iehor. Dan ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport.

Xehed Albert Muscat illi qal li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MMM 126, kien gej minn Hal Lija direzzjoni Mosta. Jghid illi hu ra kelb qed jaqsam fuq in-naha l-ohra tat-triq u cioe direzzjoni Hal Lija. Dan ix-xhud qal illi waqaf totalment u l-kelb baqa' diehel fil-bieba ta' wara tan-naha tax-xufier. Wara d-daqqa l-kelb baqa sejjer lejn id-direzzjoni tal-Villa tal-konvenut li kien qed jistennieh. Albert Muscat nizzel it-tieqa u staqsa darbtejn lill-konvenut jekk hux

kollox sew u dan irrispondieh li jidher *all right*. Wara li saq ix-xhud irrealizza li l-vettura tieghu ma kienx iccekkja jekk kellhiex xi hsara u meta nizel induna li kellu dent. Hu mar lura quddiem il-Villa tal-konvenut u hareg ikellmu l-konvenut pero rrispondieh illi ma kienx responsabbli tal-hsarat. Ix-xhud baqa' jinsisti biex imur jara d-daqqa u fl-ahhar il-konvenut mar jara d-dent. Wara kien mar jaghmel rapport u l-*claim*.

Meta gei mistoqsi jekk kellux xi daqqiet ohra fil-karrozza jghid illi kellu izda fuq in-naha l-ohra tal-karrozza. Jghid ukoll illi r-ritratti ezebiti ma hadhomx hu izda hadhom is-*surveyor* u jghid ukoll li jiftakar illi d-daqqa kbira.

Xehed Philip Attard li huwa s-*surveyor* li qal li l-hsarat jistghu jigu msewwija u ma kienux estensivi. Jghid illi kienu fuq in-naha ta’ isfel tar-right. Mistoqsi x’setgha kkawza dik id-dent jghid illi metal ma metal ma kienx ghax ma kienx hemm zebgha pero kienet xi haga iebsa li halliet dent. Dan ix-xhud jikkonferma t-*total tas-survey report* tieghu u qal illi hu ma kienx ikkunsidra daqqiet ohra.

Xehed Max Borg Bonello li qal illi Albert Muscat kien inxurjat *comprehensive* u ghalhekk kopert anki ghall-hsarat tieghu. F’dan il-kaz il-klijent kien hallas hamsa u hamsin ewro (€55.00) access. Mistoqsi in kontroezami jekk qatt talbux lill-konvenut ihallas jghid illi baghatu kemm ittra legali kif ukoll Ittra Ufficjali taht l-Artiklu 166A li ghaliha hemm sahansitra risposta.

Xehed il-konvenut Thomas Wood u qal illi jiftakar illi l-kelb kien fid-*drive way* u mhux fit-triq. Il-kelb kien qasam biex jifrah bil-mara tax-xhud li kienet gejja minn-naha l-ohra tat-triq. Wara li l-kelb rega dahal fid-*drive* kien hemm driver ta’ karrozza li qal li l-kelb ghamillu xi marka fil-karrozza. Dan ix-xhud jghid illi Albert Muscat kien kellem lil mara tieghu u meta kienet rat id-daqqa u staqsiet jekk hux dik kien qalilha li mhux dik kienet u uriha ohra. Il-konvenut jghid illi ma rcieva ebda talba ghall-hlas minghand hadd u jghid ukoll illi l-kelb tieghu huwa tar-razza fox terrior u meta dahal lura fid-*drive* kien ferriehi bhas-soltu.

Dan ix-xhud jghid illi la ra l-karrozza tolqot lill-kelb u l-kelb jolqot lill-karrozza. Jghid ukoll pero illi hu kien qed ihares fid-direzzjoni tal-mara tieghu u jikkonferma illi l-kelb hareg jigri u rega dahal.

Xehdet mart il-konvenut Lucy Woods li bil-gurament taghha qalet illi kienet tipparkja l-vettura taghha fuq in-naha l-ohra tat-triq meta rat lil kelb jaqsam jigri biex jifrah biha. Ftit wara kienet daret karrozza u d-driver qalilhom illi l-kelb kien laqatlu l-karrozza. Malli rat id-daqqa tghid illi qaltlu li dik id-daqqa kienet hemm izda d-driver irrispondiha li ma kinitx dik id-daqqa li qed jirreferi ghaliha imma uriha daqqa ohra pero din id-daqqa hi ma setghetx taraha. Filfatt murija r-ritratt tad-daqqa x-xhud tghid illi ma tiftakarhiex.

It-Trubunal wara li semgha x-xhieda, ra d-dokumenti pprezentat u semgha lill-partijiet iqis ix-xhieda tal-konvenut bhala wahda inverosimili u mimlija nuqqasijiet kif kienet ukoll ix-xhieda ta' mart il-konvenut Lucy Woods meta qalet li kienet qalet lil Albert Muscat li d-daqqa kienet hemm. Ma jirrizulta minn imkien li kienet tafu jew taf lill-karrozza biex setghet tikkonferma li d-daqqa kienet diga hemm. Tghid ukoll illi d-daqqiet fuq in-naha l-ohra tal-vettura ma rathomx, haga li t-Tribunal ma jemminx kif ma jemminx illi l-konvenut la ra l-kelb jibqa diehel fuq il-karrozza u lanqas semgha t-tisbita tad-daqqa.

It-Trubunal huwa tal-fehma li l-konvenut huwa responsabbli ghal hsara li ghamel il-kelb u dan peress illi huwa kellu r-responsabbilta li jzomm il-kelb taht il-kontroll tieghu u jaghlaq ix-xatba li kienu barra fid-*drive*.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u disghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€595.38), liema somma ghandha tithallas bir-rata mensili ta' (€100) mitt ewro fix-xahar. BL-imghax mid-data tal-prezentata sal-pagament u l-imghaxijiet jiddekorru pro rata sal-gurnata ta' kull pagament. F'kaz illi l-intimat ikun moruz f'pagament wiehed huwa jitlef kull beneficcju tat-terminu u l-hlas ikun dovut fl-intier tieghu immedjatament.

Bl-ispejjez tal-kawza inklux tal-Ittra Ufficjali datata 28 ta' Dicembru, 2011 jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------